

Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent
Dikjarazzjoni ta' Brussell, 13 ta' Diċembru 2023

Aħna, il-mexxejja tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha, f'konsultazzjoni mal-mexxejja tal-Balkani tal-Punent, u fil-preżenza tal-partijiet ikkonċernati reġjonali u internazzjonali, illum ikkonkludejna dan li ġej:

1. L-ambjent ġeostrateġiku dejjem aktar kumpless, iddominat mill-**gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna** u kkaratterizzat ħafna mill-kriżi fil-Lvant Nofsani, qed ikompli jpoġġi s-sigurtà Ewropea u globali friskju. Dan juri l-importanza tal-unità u l-iskop fil-familja Ewropea u tas-sħubija strateġika bejn l-UE u r-reġjun tal-Balkani tal-Punent li jwasslu għal rabtiet dejjem aktar mill-qrib u kooperazzjoni akbar mal-UE, abbażi ta' prinċipji u valuri kondiviżi.
2. Filwaqt li tfakkar fl-Aġenda ta' Tessaloniki u d-Dikjarazzjonijiet ta' Sofija, Zagreb, Brdo u Tirana, l-UE tikkonferma mill-ġdid l-impenn sħiħ u inekwivoku tagħha għall-**perspettiva ta' sħubija mal-Unjoni Ewropea tal-Balkani tal-Punent u tappella għall-aċċellerazzjoni tal-proċess ta' adeżjoni**, abbażi ta' riformi kredibbli mis-sħab, kondizzjonalità ġusta u rigoruża u l-prinċipju tal-merti proprji, li huwa fl-interess reċiproku tagħna. L-UE tilqa' l-progress li sar mis-sħab tal-Balkani tal-Punent fil-mixja rispettiva tagħhom lejn l-UE minn meta sar is-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Tirana. Il-futur tal-Balkani tal-Punent huwa fl-Unjoni tagħna.

3. L-UE tilqa' d-**determinazzjoni tas-sħab tal-Balkani tal-Punent li jirrispettaw u jimpenjaw ruħhom għall-valuri u l-prinċipji ewlenin Ewropej, f'konformità mad-dritt internazzjonali**. L-UE tilqa' bi pjaċir ukoll l-impenn iddikjarat mill-ġdid tas-sħab tal-Balkani tal-Punent lejn is-supremazija tad-demokrazija, id-drittijiet u l-valuri fundamentali u l-istat tad-dritt. F'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Tirana ta' Diċembru 2022, l-UE tissottolinja l-ħtieġa għal **kisbiet ta' riforma** sostnuti u irriversibbli dwar **l-istat tad-dritt**, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, l-ekonomija u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. L-UE tissottolinja l-ħtieġa għal sforzi sostnuti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, appoġġ imsaħħaħ għall-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet ta' persuni minn minoranzi. Il-kredibbiltà ta' dawn l-impenji tiddependi fuq l-implimentazzjoni sinifikanti tar-riformi meħtieġa, u fuq il-bini ta' rekord sod mirfud minn komunikazzjoni pubblika ċara u konsistenti fl-interess tal-poplu tagħhom. Soċjetà ċivili mogħtija s-setgħa u mezzi tax-xandir indipendenti u pluralistiċi, b'rispett sħiħ għal-libertà tal-espressjoni, huma komponenti kruċjali ta' kull sistema demokratika.
4. L-għaqda mal-UE hija sinjal ċar tal-orjentazzjoni strateġika tas-sħab, issa aktar minn qatt qabel, fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u sfidi għas-sigurtà oħra. L-UE ser tkompli tinvesti fil-multilateraliżmu u ser tikkoopera mas-sħab biex tiddefendi u tirrispetta l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Viżjoni komuni tal-futur tinvolvi valuri kondiviżi u responsabbiltajiet reċiproċi. Hekk kif napprofondixxu l-kooperazzjoni tagħna mas-sħab, inħeġġuhom jagħmlu progress rapidu u sostnut lejn allinjament sħiħ mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-UE inkluż dwar miżuri restrittivi tal-UE u biex jaġixxu kif xieraq**. Aħna nfaħħru lil dawk is-sħab tal-Balkani tal-Punent li diġà qed juru l-impenn strateġiku tagħhom billi **jallinjaw ruħhom bis-sħiħ** mal-PESK tal-UE u nħeġġu lil dawk li għadhom ma għamlux dan biex jagħmlu bħalhom. Nenfazizzaw l-importanza ta' infurzar aħjar tal-miżuri restrittivi u l-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tagħhom.

5. L-UE għadha l-**eqreb sieħeb għar-reġjun, l-investitur u s-sieħeb kummerċjali ewlieni u d-donatur prinċipali** tiegħu. Jenħtieġ li l-iskala u l-firxa eċċezzjonali ta' dan l-appoġġ isiru aktar viżibbli u riflessi b'mod proattiv mis-sħab fid-**dibattitu pubbliku** u fil-**komunikazzjoni** tagħhom, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu japprezzaw il-benefiċċji konkreti tas-sħubija mal-UE. Is-sħab għandhom jikkomunikaw ukoll b'mod ċar dwar l-impenn tagħhom stess lejn il-valuri tal-UE u r-riformi meħtieġa.
6. L-UE tissottolinja l-ħtieġa għall-impenn tas-sħab tal-Balkani tal-Punent lejn **kooperazzjoni reġjonali inklużiva u t-tisħiħ ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat**, inkluż mal-Istati Membri tal-UE. L-implimentazzjoni ta' ftehimiet bilaterali bona fide u b'riżultati tanġibbli, inkluż il-Ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat dwar Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat mal-Bulgarija, għadha importanti. Għadhom meħtieġa aktar sforzi deċiżivi biex jitrawmu r-rikonċiljazzjoni u l-istabbiltà reġjonali, kif ukoll biex jinstabu u biex jiġu implimentati soluzzjonijiet definittivi, inklużivi u vinkolanti għat-tilwim u l-kwistjonijiet bilaterali u reġjonali tas-sħab li għandhom l-għeruw tagħhom fl-imġhoddi, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti, inkluż il-Ftehim dwar Kwistjonijiet ta' Suċċessjoni, u l-każijiet li fadal ta' persuni nieqsa u kwistjonijiet ta' delitti tal-gwerra. L-UE tappella wkoll lis-sħab biex jiggarantixxu d-drittijiet u t-trattament ugwali ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.
7. Aħna nibqgħu nappoġġaw bis-sħiħ l-isforzi tar-**Rappreżentant Għoli tal-UE u r-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u fi kwistjonijiet reġjonali oħra tal-Balkani tal-Punent**. Nistennew impenn kostruttiv miż-żewġ Partijiet in bona fide u fl-ispirtu ta' kompromess biex isir progress rapidu fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom, li huwa kritiku għas-sigurtà u l-istabbiltà tar-reġjun kollu u biex jiġi żgurat li l-Partijiet ikunu jistgħu jadvanzaw fil-perkorsi Ewropej rispettivi tagħhom. Inħeġġu lill-Partijiet biex jimplimentaw bis-sħiħ il-**Ftehim dwar il-Perkors għan-Normalizzazzjoni u l-Anness ta' Implimentazzjoni** tiegħu kif ukoll il-Ftehimiet kollha tal-passat, mingħajr ebda dewmien jew prekondizzjoni ulterjuri. Nistennew ukoll li l-Partijiet isegwu sforzi sostnuti ta' tnaqqis tat-tensjoni f'konformità mat-talbiet tal-UE u joqogħdu lura minn azzjonijiet unilaterali u mhux ikkoordinati li jistgħu jwasslu għal aktar tensjonijiet u vjolenza, u retorika li ma twassalx għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet.

8. Nilqgħu l-laqgħat ta' suċċess tal-**Komunità Politika Ewropea**, li saru fis-6 ta' Ottubru 2022 fi Praga, fl-1 ta' Ġunju 2023 f'Chişinău u fil-5 ta' Ottubru 2023 fi Granada. Il-laqgħat ipprovdew pjattaforma għall-koordinazzjoni politika u opportunitajiet għal skambji approfonditi dwar kwistjonijiet urġenti għall-kontinent kollu.

Inqarrbu s-sħab lejn l-UE u navvanzaw l-integrazzjoni gradwali

9. L-UE għandha l-għan li **tqarreb il-Balkani tal-Punent lejn l-UE**, tħejji t-triq għall-adeżjoni, u ggħib benefiċċji konkreti liċ-ċittadini tagħhom diġà matul il-proċess tat-tkabbir. Għal dan l-għan, l-UE biħsiebha tesplora miżuri addizzjonali bil-għan li tkompli tavvanza l-**integrazzjoni gradwali**. L-UE tissottolinja l-importanza li jintuża bis-sħiħ il-potenzjal tal-istrumenti legali eżistenti. Billi tibni fuq il-metodoloġija riveduta, l-UE tfakkar fl-istedina tal-Kunsill Ewropew biex tkompli tavvanza l-integrazzjoni gradwali tar-reġjun, diġà matul il-proċess ta' tkabbir innifsu b'mod riversibbli u bbażat fuq il-mertu.
10. F'dan il-kuntest, il-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar il-**Pjan ta' Tkabbir** il-ġdid għall-Balkani tal-Punent għandha l-għan li taċċellera l-**konverġenza soċjoekonomika** bejn il-Balkani tal-Punent u l-UE u tħeġġeġ lir-reġjun biex iżid ir-ritmu ta' riformi relatati mal-UE, u biex javvanza l-integrazzjoni ekonomika reġjonali permezz tas-Suq Reġjonali Komuni (CRM), abbażi tar-regoli u l-istandards tal-UE.
11. L-UE lesta teżamina l-proposti li saru fil-Pjan ta' Tkabbir għat-**tisħiħ tal-integrazzjoni ekonomika tal-Balkani tal-Punent mal-UE**. L-UE tinnota li l-proposti li saru huma soġġetti għall-allinjament tal-Balkani tal-Punent mar-regoli tas-suq uniku tal-UE u għall-ftuħ tas-setturi u l-oqsma rilevanti għall-ġirien kollha tagħhom, f'konformità mas-CRM, flimkien mal-preservazzjoni sħiħa tal-integrità tas-suq uniku tal-UE u l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

12. L-UE tilqa' l-iffirmar tar-raba' Ftehim ta' mobbiltà dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali għal Infermiera, Kirurgi Veterinarji, Spiżjara u Qwiebel fis-Summit tal-Proċess ta' Berlin f'Ottubru 2023 li ser javvanza l-mobbiltà ta' professjonisti fil-Balkani tal-Punent. L-UE tilqa' wkoll id-dħul fis-seħħ tat-tliet ftehimiet ta' mobbiltà dwar il-**libertà ta' moviment b'karti tal-identità** għaċ-ċittadini tar-reġjun, kif ukoll dwar ir-**rikonoxximent reċiproku tad-diplomi universitarji** u l-**kwalifiki professjonali** fir-reġjun iffirmati s-sena l-oħra. L-UE tteġġeg lis-sħab li fadal tal-Balkani tal-Punent biex jirratifikaw dawn il-ftehimiet malajr sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu minnhom mill-aktar fis possibbli.
13. L-UE tfakkar fl-impenn fl-impenn kondiviż li jiżdiedu l-isforzi biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-Balkani tal-Punent mas-suq intern tal-UE. Is-Suq Reġjonali Komuni tal-Balkani tal-Punent għandu jservi bħala pass 'il quddiem għall-integrazzjoni. Huma meħtieġa aktar sforzi deċiżivi mill-mexxejja kollha tal-Balkani tal-Punent sabiex is-Suq Reġjonali Komuni tal-Balkani tal-Punent isir realtà, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni ta' diversi deċiżjonijiet dwar **inizjattivi relatati mal-kummerċ** li diġà ġew miftiehma fil-livell tekniku fil-kuntest tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA). Din il-kooperazzjoni reġjonali inklużiva bbażata fuq ir-regoli u l-istandards tal-UE tistimula wkoll il-kummerċ intrareġjonali, kif ukoll tiġbed l-investimenti. L-UE tistieden lir-reġjun, bl-għajnuna tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR), is-CEFTA u l-Forum ta' Investiment tas-sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (WB6 CIF), biex iħejji suċċessur ambizzjuż għall-pjan ta' azzjoni tas-Suq Reġjonali Komuni attwali qabel ma jiskadi dak attwali fl-2024.
14. L-UE tilqa' l-ħidma tal-ekonomiji kollha tal-Balkani tal-Punent għall-**modernizzazzjoni tas-sistemi ta' pagament tagħhom** biex iqarrbuhom lejn l-istandards tal-UE u biex jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha għall-integrazzjoni fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro.

15. **It-trasport u l-konnettività** huma essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku, peress li jrawmu integrazzjoni reġjonali aħjar u jtejbu r-relazzjonijiet bejn il-ġirien. Permezz tal-Komunità tat-Transport, l-UE fetħet il-possibbiltà għal integrazzjoni aktar mill-qrib tal-Balkani tal-Punent fil-qasam tat-trasport, b'mod partikolari permezz ta' riformi regolatorji. F'dan ir-rigward, l-UE thegħgeġ lis-sħab biex jipproċedu b'mod ambizzjuż bir-riformi meħtieġa. L-UE tilqa' l-ftehimiet ta' livell għoli li jirvedu l-estensjoni indikattiva tan-Network Trans-Ewropew tat-Transport (TEN-T) għall-Balkani tal-Punent u l-proposta biex jiġi stabbilit il-**Kuritur tat-Transport Ewropew bejn il-Balkani tal-Punent u l-Lvant tal-Mediterran**. L-UE ser tappoġġa lis-sħab tal-Balkani tal-Punent fl-integrazzjoni tas-swieq tat-trasport bit-triq abbażi tal-adozzjoni tal-*acquis* rilevanti tal-UE. Nilqgħu wkoll il-progress sar f'termini tal-implimentazzjoni tal-**Korsiji Ħodor bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent** u nappellaw għall-applikazzjoni tagħhom fil-fruntieri rilevanti kollha, b'rispett sħiħ tal-*acquis* u l-proċeduri tal-UE. Barra minn hekk, nilqgħu saħansitra l-istabbiliment tal-inizjattiva **Korsiji Blu** li ser ittejjeb il-konnessjonijiet kummerċjali u tat-trasport bejn il-portijiet Adrijatiċi. Dawn l-inizjattivi jikkontribwixxu għal ġestjoni aħjar tal-fruntieri, ħinijiet ta' stennija iqsar għall-passiġġieri u l-merkanzija, u b'hekk jagħtu spinta lill-attività ekonomika. Huma jissottolinjaw l-impatt pożittiv tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni doganali bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent. L-UE tirrikonoxxi l-isforzi tal-Komunità tat-Transport u tas-CEFTA fl-iżvilupp ta' Pjan Direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-Korsiji Ħodor u kontrolli sinkronizzati fil-fruntieri. Barra minn hekk, l-UE hija ddedikata għall-appoġġ tal-modernizzazzjoni tan-network ferrovjarju fir-reġjun u thegħgeġ l-isforzi tal-Balkani tal-Punent biex jerġgħu jiddaħħlu l-konnessjonijiet ferrovjarji tal-passiġġieri bejn bliet ewlenin fir-reġjun kif ukoll bejn ir-reġjun u l-ġirien tiegħu tal-UE.

16. L-UE tfakkar fid-determinazzjoni tagħha li tappoġġa lill-mexxejja tal-Balkani tal-Punent fit-tweqqif tal-impenn tagħhom li **jimplimentaw bis-sħiħ l-Aġenda Ekoloġika** għar-reġjun, inkluż l-impniji klimatiċi tagħhom skont il-Ftehim ta' Pariġi, il-Komunità tal-Enerġija u d-Dikjarazzjoni ta' Sofija dwar Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent, bħala mutur ewlieni għat-tranżizzjoni lejn ekonomiji moderni, b'impatt newtrali fuq il-klima, reżiljenti għat-tibdil fil-klima u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. L-UE ser tkompli **tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni** tar-reġjun ukoll permezz ta' assistenza teknika, partikolarment għaż-żieda fl-enerġiji rinnovabbli. Il-Proġett EU4Green huwa għodda importanti biex is-sħab jiġu megħjuna fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom. L-UE ser tkompli tappoġġa lir-reġjun fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-klima u t-tranżizzjoni tal-enerġija, inkluż l-ipprezzar tal-karbonju fuq il-bażi ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika robusti tal-emissjonijiet kif ukoll tal-politiki.
17. Fir-rigward tal-integrazzjoni fis-**Suq Uniku Diġitali** tal-UE, fuq il-bażi tal-implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim Reġjonali dwar ir-Roaming "Roaming Daqslikieku f'Pajjiżek" minn Lulju 2021, nilqgħu **t-tnaqqis fl-ispejjeż tar-roaming tad-data** bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent mill-1 ta' Ottubru 2023, bil-ħsieb li jiġi żviluppat arranġament ta' roaming fit-tul biex ir-reġjun jiġi inkluż fiż-żona "Roaming Daqslikieku f'Pajjiżek" tal-UE. Il-Balkani tal-Punent għandhom jistinkaw ukoll biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-qasam tat-**trasformazzjoni diġitali u l-media**, b'mod partikolari fuq ir-riformi taċ-ċibersigurtà u billi jiżguraw il-varar sigur tan-networks 5G permezz tal-implimentazzjoni komprensiva tas-Sett ta' Għodod għaċ-Ċibersigurtà tal-5G tal-UE. Biex nippromwovu aktar il-konnettività diġitali, nilqgħu l-intenzjoni li tiġi żviluppata l-inizjattiva WIFI4WB li tipprovdi aċċess bla ħlas għall-konnettività tal-WIFI għaċ-ċittadini u l-viżitaturi fi spazji pubbliċi.
18. B'rabta mal-**integrizzjoni tal-Balkani tal-Punent fil-ktajjen tal-provvista industrijali**, nilqgħu l-interess espress mis-sħab tal-Balkani tal-Punent li jsiru parti mis-Sħab fil-Katina tal-Valur tal-UE għall-**Materja Prima Kritika** u jiksbu appoġġ għall-iżvilupp tal-industriji rilevanti, allinjati mal-ħtiġijiet u l-istandards tas-suq uniku tal-UE.

19. Filwaqt li tfakkar fid-dikjarazzjonijiet ta' Brdo tal-2021 u ta' Tirana tal-2022, l-UE hija impenjata **li taċċellera u tkompli tapprofondixxi l-involviment politiku u ta' politika tagħha mal-Balkani tal-Punent**, inkluż fost l-oħrajn permezz tal-organizzazzjoni ta' Summits regolari bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, is-sehem tas-sħab tal-Balkani tal-Punent f'avvenimenti ta' livell għoli tal-UE u djalogi regolari tal-PESK u ż-żieda fil-kooperazzjoni f'fora multilaterali. Is-sħab tal-Balkani tal-Punent diġà ġew mistiedna jagħtu kontribut għall-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Barranin, u jirċievu tagħrif regolari dwar dawn il-laqgħat. Il-laqgħa ministerjali reċenti bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Novembru komplet tintensifika l-impenn fil-qasam tal-PESK, u l-Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent f'Ottubru fi Skopje dwar il-ġustizzja u l-affarijiet interni.
20. L-UE tilqa' bis-sħiħ l-istabbiliment ta' fergħa ġdida tal-**Kulleġġ tal-Ewropa** f'Tirana u t-tnedija tal-proċess ta' applikazzjoni għall-ewwel sena akkademika 2024-2025. Dan il-kampus ser jgħammar lill-istudenti mill-Balkani tal-Punent u lil hinn b'għarfien espert dwar l-affarijiet tal-UE u jagħti lill-istudenti mill-Istati Membri tal-UE l-għarfien espert reġjonali, u b'hekk ser jippromwovi wkoll il-fehim u l-appartenenza reċiproċi.
21. L-UE tfakkar ukoll fl-appoġġ kontinwu tagħha għar-riforma u t-**tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjonijiet pubbliċi** fil-Balkani tal-Punent, mogħti partikolarment permezz ta' għotjiet, ġemellaġġ kif ukoll permezz tal-Iskola Reġjonali tal-Amministrazzjoni Pubblika (ReSPA).

22. L-UE tilqa' wkoll l-impenn tas-sħab biex iħaffu l-ħidma tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-aġenda tal-Balkani tal-Punent dwar l-innovazzjoni, ir-riċerka, l-edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażaġh u l-isport. Minbarra l-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa u Ewropa Kreattiva, l-UE gradwalment qed tassoċja lis-sħab fi programmi tal-UE bħal **Erasmus+** u **I-Korp Ewropew ta' Solidarjetà** u qed tiftaħ il-parteċipazzjoni fl-**inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej** għas-sħab kollha tal-Balkani tal-Punent bl-għan li jinħolqu aktar opportunitajiet għaż-**żgħażaġh**. Il-**Garanzija għaż-Żgħażaġħ** u l-Miżuri ta' Appoġġ għall-Innovazzjoni stabbiliti fil-Balkani tal-Punent ser jgħinu biex jitnaqqas l-ispariġġ fil-ħiliet u l-eżodu ta' mħuħ esperjenzat mir-reġjun. Il-**laqgħa ministerjali** li jmiss tal-**Pjattaformi ta' Tmexxija tal-Balkani tal-Punent** għandha tikkontribwixxi biex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni mar-reġjun f'dawn l-oqsma ta' politika u biex jinżamm il-momentum politiku. L-UE tilqa' r-rwol importanti tal-Uffiċċju Reġjonali għall-Kooperazzjoni bejn iż-Żgħażaġħ (RYCO) fit-tiħiħ tal-kooperazzjoni u r-rikonċiljazzjoni fost iż-żgħażaġh fil-Balkani tal-Punent.

Nibnu pedament ekonomiku robust għall-ġejjieni u nindirizzaw flimkien l-impatt negattiv tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

23. Ir-**Russja ġġorr ir-responsabbiltà unika** għall-**kriżijiet fl-enerġija u fl-ekonomija** li għadhom għaddejjin. L-użu tal-enerġija, l-ikel, u l-informazzjoni bħala armi affettwa lis-sħab tal-Balkani tal-Punent, filwaqt li kien partikolarment immirat lejn dawk li jallinjaw b'mod sħiħ mal-PESK tal-UE u l-miżuri restrittivi tagħha. Sabiex jittaffa l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE hija determinata li tkompli **tintensifika l-involvement politiku tagħha** mar-reġjun tal-Balkani tal-Punent, minbarra l-assistenza diġà pprovdata permezz tal-**Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment, il-Pakkett ta' Appoġġ għall-Enerġija, il-Faċilità Ewropea għall-Paċi**, kif ukoll l-**appoġġ li jikkontribwixxi għall-bini tar-reżiljenza ċibernetika u jindirizza l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI)**.

24. L-UE ser tkompli bl-appoġġ tagħha għas-sħab tal-Balkani tal-Punent fl-indirizzar tal-effetti negattivi fuq l-ekonomija u s-soċjetajiet tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-**Pakkett ta' Appoġġ għall-Enerġija tal-UE, b'valur ta' EUR 1 biljun f'għotjiet li jistgħu jgħibu EUR 2.5 biljun f'investimenti. Diġà ġew żborżati 90% (EUR 450 miljun)** tal-ewwel nofs tal-pakkett, biex tittaffa ż-żieda fil-prezz tal-enerġija għall-SMEs u familji vulnerabbli. Il-EUR 500 miljun li jifdal f'għotjiet jingħataw mill-UE permezz tal-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent (WBIF) biex isir progress fit-tranżizzjoni tal-enerġija u l-indipendenza enerġetika, biex jiġu appoġġati proġetti tal-enerġija rinnovabbli, biex jiġi ffinanzjat titjib fl-infrastruttura u l-interkonnnetturi tal-enerġija, inkluż l-LNG, biex jittejjeb s-sistemi ta' trażmissjoni tal-enerġija, u t-tiżhin distrettwali, u biex tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija tal-infrastrutturi privati u pubbliċi fil-Balkani tal-Punent.
25. Infakkru fid-deċiżjoni tagħna li niftħu l-mekkaniżmu tal-UE għax-**xiri konġunt tal-gass u l-LNG** għall-Balkani tal-Punent u nħeġġu l-użu tiegħu mis-sħab tagħna li għandhom swieq tal-gass biex inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq il-gass Russu. Permezz tal-Komunità tal-Enerġija, l-UE **qed tiftaħ ukoll is-suq tal-elettriku tagħha** għall-Balkani tal-Punent, soġġett għal riformi regolatorji.
26. It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-**Pjan Ekonomiku u ta' Investiment (EIP) u tal-Aġenda Ekoloġika u dik Diġitali għall-Balkani tal-Punent** ser tgħin fit-tiżhin tal-ekonomija u r-reżiljenza tar-reġjun, inkluż permezz ta' aktar appoġġ għal konnettività sigura u reżiljenti, it-tranżizzjoni tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija. L-appoġġ ipprovdut permezz tal-EIP jinkludi EUR 9 biljun f'finanzjar b'għotjiet mill-IPA III u sa EUR 20 biljun f'investimenti għall-perjodu 2021-2027, u jinsab fi stadju avanzat ta' implimentazzjoni. Mill-pakkett ta' investiment ta' kważi EUR 30 biljun għar-reġjun, diġà ġie mobilizzat EUR 16,6 biljun. F'dan il-kuntest, is-sħab tal-Balkani tal-Punent għandhom isaħħu wkoll l-**istat tad-dritt** u jwettqu b'mod deċiżiv **riformi ekonomiċi u soċjali**, inkluż dawk li jinsabu fil-Programmi ta' Riforma Ekonomika tagħhom u fil-konklużjonijiet konġunti tad-djalogu ekonomiku u finanzjarju.

It-tisħiħ tas-sigurtà u l-bini tar-reżiljenza

27. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna toħloq sfidi fundamentali għas-sigurtà. L-UE għadha determinata li **tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Balkani tal-Punent dwar kwistjonijiet ewlenin ta' sigurtà u difiża, inkluż fil-livell operazzjonali**. F'dan ir-rigward, nilqgħu l-fatt li s-sħab komplew juru l-impenn tagħhom għall-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)**, billi kkontribwew għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet. L-UE ser tkompli taħdem flimkien mar-reġjun biex tkompli tiżviluppa l-mezzi u l-kapaċitajiet ta' difiża tagħha, inkluż permezz tal-**Faċilità Ewropea għall-Paċi**. L-UE għadha impenjata li tikkontribwixxi għas-sigurtà fir-reġjun, inkluż permezz tal-operazzjoni tal-PSDK tagħha EUFOR Althea u l-missjoni EULEX tagħha. L-UE tilqa' l-impenn kontinwu tas-sħab lejn l-iżvilupp ta' strumenti effettivi għall-**kooperazzjoni reġjonali fil-Balkani tal-Punent fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża**. L-UE bdiet ukoll tkompli ssaħħaħ l-involviment tagħha mar-reġjun foqasma bħal dak tal-**indirizzar tat-theddid ibridu u ċibernetiku, l-ispazju u l-mobbiltà militari**.
28. L-UE ser tkompli tappoġġa l-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-**manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI)**, inkluż id-diżinformazzjoni kif ukoll theddid ibridu ieħor li jipprova jdgħajjef l-istabbiltà u l-proċessi demokratiċi tar-reġjun, u l-perspettiva tiegħu lejn l-UE. F'dan ir-rigward, ser inkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni tagħna **biex nibnu reżiljenza**, ukoll billi nrawmu l-professjonaliżmu u l-litteriżmu fil-mezzi tax-xandir, u billi nżidu l-impatt tal-**komunikazzjoni strateġika** dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u l-proċess ta' tkabbir b'mod partikolari. L-UE ser tintensifika wkoll il-ħidma tagħha mas-sħab biex tiġġieled narrattivi Russi foloz u diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

29. **Ser inkomplu nsaħħu ċ-ċibersigurtà kollettiva tagħna f'kollaborazzjoni mal-Balkani tal-Punent**, inkluż permezz ta' appoġġ operazzjonali u tekniku kkoordinat, u l-involvement tar-reġjun fil-mekkaniżmi taċ-ċibersigurtà tal-UE. L-isforzi konġunti msaħħa tagħna jibnu fuq programmi eżistenti u fuq il-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u l-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża, flimkien ma' inizjattivi bilaterali tal-Istati Membri tal-UE u sħab oħra. Fil-proġett ta' Rispons Rapidu taċ-Ċibersigurtà, b'valur ta' EUR 2.6 miljun, l-azzjoni tal-UE ffukat fuq iż-żieda tar-reżiljenza ċibernetika u t-tħejjija għall-inċidenti ċibernetiċi tas-sħab. Il-programm reġjonali ffinanzjat mill-IPA ta' EUR 5 miljun għall-bini tal-kapaċità taċ-ċibersigurtà tal-Balkani tal-Punent qed jappoġġa r-reżiljenza ċibernetika tar-reġjun fuq perjodu medju u twil. Dawn il-programmi huma kkomplementati minn assistenza bejn il-pari tat-TAIEX fuq bażi regolari. Nilqgħu l-istabbiliment taċ-Ċentru ta' Kapaċità Ċibernetika tal-Balkani tal-Punent, li jippromwovi l-kooperazzjoni reġjonali fil-bini tar-reżiljenza ċibernetika. Aktar kooperazzjoni tal-Balkani tal-Punent mal-ENISA u ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Ċibernetika u r-rwol ta' faċilitazzjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali ser ikunu ta' importanza dejjem akbar fil-ġejjieni. L-Unjoni Ewropea tistenna b'interess l-istabbiliment taċ-Ċiberriżerva tal-UE, li ser tkun disponibbli għas-sħab tal-Balkani tal-Punent sabiex jirrispondu għal inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira.

Il-migrazzjoni irregolari, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata

30. **Il-ġestjoni tal-migrazzjoni għadha sfida u responsabbiltà komuni ewlenija.** Aħna nagħrfu l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent ippreżentat f'Diċembru 2022. Bis-saħħa ta' azzjoni koordinata, il-perssoni migratorja ġenerali fuq ir-rotta tal-Balkani tal-Punent s'issa naqset fl-2023 meta mqabbla mal-2022. Madankollu, ir-rotta għadha attiva ħafna bl-identifikazzjoni ta' għadd kbir ta' qsim irregolari tal-fruntieri. Għaldaqstant, l-UE u l-Balkani tal-Punent għadhom determinati li jimplementaw il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE bis-sħiħ, inkluż il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, u li jiżguraw aċċess għal protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn, u li jsaħħu aktar il-monitoraġġ ta' xejriet tul ir-rotta. F'dan ir-rigward, is-sħab tal-Balkani tal-Punent huma mistiedna jkomplu jsaħħu l-involvement tagħhom fil-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), l-istrument ewleni tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata. L-appoġġ finanzjarju sinifikanti tal-UE permezz ta' programmi ddedikati ser jippermetti lis-sħab itejbu s-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza, isaħħu l-protezzjoni tal-fruntieri, jiġġieldu kontra l-gruppi tal-kriminalità organizzata u networks kriminali oħrajn, b'mod partikolari dawk involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u jżidu r-ritorni mill-Balkani tal-Punent lejn il-pajjiżi ta' oriġini.
31. In-nies mir-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent mis-sena d-dieħla ser ikunu jistgħu jivvjaġġaw mingħajr viża lejn iż-żona Schengen. L-UE tilqa' l-progress li sar fl-allinjament mal-**politika tal-UE dwar il-viżi** minn diversi sħab tal-Balkani tal-Punent u titlob aktar allinjament biex jiġi evitat l-abbuż tas-sistemi ta' migrazzjoni u ażil tal-Istati Membri tal-UE. Dwar ir-riammissjoni, l-UE laqgħet l-isforzi mis-sħab biex itejbu l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Riammissjoni eżistenti bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent. Is-sħab iridu jkomplu jsaħħu s-sistemi ta' ritorn tagħhom, fost l-oħrajn billi jikkonkludu ftehimiet ta' riammissjoni mal-pajjiżi ta' oriġini ewlenin. L-appoġġ finanzjarju u tekniku addizzjonali tal-UE – iffaċilitat permezz tal-Frontex – għandu l-għan li jtejjeb il-kooperazzjoni fuq ir-ritorni u r-riammissjoni mal-pajjiżi ta' oriġini. L-UE tilqa' l-iffirmar u l-konklużjoni ta' Ftehimiet ġodda dwar l-Istatus tal-Frontex ma' xi wħud mis-sħab u tappella lil sħab oħra biex malajr jagħmlu l-istess. Il-kooperazzjoni għandha tkompli tiġi intensifikata wkoll mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u mal-Europol.

32. L-UE tappella għal aktar tisħiħ tal-**kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti fil-forom kollha tiegħu**, inkluż il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tal-finanzjament tat-terroriżmu. L-UE tilqa' r-riżultati miksuba matul il-ħames snin tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent u tikkonferma d-determinazzjoni tagħha li tkompli tikkoopera fil-ġejjieni, anke fid-dawl ta' theddid emerġenti bħall-estremiżmu vjolenti tal-lemin, il-kontenut estremist vjolenti li qed jinxtred online u l-attakki possibbli fuq infrastruttura kritika. L-UE ttenni l-importanza li tittieħed azzjoni determinata biex tiġi indirizzata l-kriminalità serja u organizzata, b'mod partikolari **l-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni fil-livelli għolja, il-kultivazzjoni, il-produzzjoni u t-traffikar tad-drogi**, permezz ta' kooperazzjoni msaħħa fl-infurzar tal-liġi u d-dwana ffaċilitata minn EMPACT. Fil-kuntest tal-konsegwenzi devastanti tal-użu tad-droga u t-traffikar tad-droga fuq is-saħħa u s-sigurtà tas-soċjetajiet tagħna, aħna naqblu li nkomplu u nintensifikaw l-isforzi konġunti tagħna permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza, integrat, multidixxiplinari u bbilanċjat.
33. L-UE tilqa' d-determinazzjoni kkonfermata mill-ġdid tas-sħab tal-Balkani tal-Punent li jeqirdu **t-traffikar u l-proliferazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir** u l-livell għoli ta' kooperazzjoni biex jiġi indirizzat il-kuntribandu tal-armi tan-nar fl-EMPACT. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Balkani tal-Punent f'dan il-qasam. Il-pjan direzzjonali, li ġie estiż għal wara l-2024, huwa eżempju rikonoxxut internazzjonalment ta' Prattika tajba ta' kooperazzjoni reġjonali biex jissaħħaħ il-kontroll tal-armi ta' kalibru żgħir.
34. L-UE tkompli tħeġġeġ lis-sħab tal-Balkani tal-Punent biex jistabilixxu u jżommu relazzjonijiet ta' kooperazzjoni mal-**Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)** fil-qasam tal-assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali. Nilqgħu l-arranġamenti ta' ħidma diġà stabbiliti bejn l-UPPE u xi sħab tal-Balkani tal-Punent, u nħeġġu lis-sħab l-oħra biex jieħdu sehem f'kooperazzjoni simili mill-aktar fis possibbli.
- ***
35. Aħna nilqgħu b'sodisfazzjon l-allinjament tas-sħab tagħna tal-Balkani tal-Punent mal-punti ta' hawn fuq.
-